# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 171/2019 JVC**

**Sergio Fabian Piriz Mansilla u martu Stefania Muneretto f'isem u ghan-nom tal-minuri binthom Victoria Piriz Mansilla**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Sergio Fabian Piriz Mansilla et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

Illi r-rikorrent Sergio Fabian twieled fil-31 ta' Dicembru tas-sena 1981, u gie rregistrat bl-isem u l-kunjom ta' *'Piriz Mansilla'*, u dana kif jidher mill-att tat-twelid tieghu bin-numru tas-serje B043791, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM001 u t-traduzzjoni ta` l-istess att tat-twelid immarkata bhala Dok. SPM002;

Illi mill-istess att tat-twelid tar-rikorrent Sergio Fabian (vide Dok. SPM001) jirrizulta car li l-kunjom patern tieghu huwa *'Piriz'* filwaqt li l-kunjom matern tieghu kien *'Mansilla'*. Li bhala uzanza fl-Urugwaj l-ulied ikunu assenjati l-kunjom mater izda dan il-kunjom ma jintiritx mal-generazzjoni segwenti u cioe t-tfal tar-rikorrenti mhux intitolati u wisq anqas obbligati ikunu maghrufa bil-kunjom 'Piriz Mansilla'.

Illi kif surreferit l-kunjom *'Piriz'* kien kunjom missier ir-rikorrent Sergio Fabian, cioe kunjom Franklin Wallas Vinente Piriz, huwa dak kif jirrizulta mil-att ta` twelid ta` missier ir-rikorrent Sergio Fabian, cioe *'Piriz'* u mhux *'Piriz Mansilla'*, kopja tal-att ta` twelid tal- missier qed jigi hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM012;

Illi r-rikorrenti zzewgu fl-Italja nhar il-4 ta`Awwissu tas-sena 2007, fejn ir-rikorrent Stefania zammet il-kunjom pater taghha u cioe *Mureretto* u dan kif jirrizulta mill-att taz-zwieg li kopja tieghu qed jigi hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM003;

Illi minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellhom zewgt t`bniet Sofia u Victoria. Sofia twieldet l-Irlanda nhar it-13 ta` April tas-sena 2013 u kienet registrata bil-kunjom patern tal-missier biss ossija *'Piriz'* u dan kif jirrizulta mil-att tat-twelid Irlandiz bin-numru tar-registrazzjoni 12554605, (kopja hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM004), u dan ukoll jirrizulta mil-passaport Irlandiz bin-numru PU3310141 tal-minuri Sofia (kopja hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM005) u mill karta tar-residenza Maltija bin-numru 0143481A (kopja hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM006);

Illi meta r-rikorrenti gew sabiex jirregistraw it-twelid tat-tieni wild taghhom, cioe Victoria, f`Malta, l-ufficjal tar-Registru Pubbliku nsista li l-minuri kellha tigi registrata bil-kunjom *'Piriz Mansilla'* nonostante l-fatt li r-rikorrenti spjegaw illi l-kunjom patern kien *'Piriz'* (vide l-att tat-twelid bin-numru progressivi 7863 tas-sena 2018 hawn annessa w immarkata bhala Dok. SPM007);

Illi r-rikorrenti jixtiequ jirregolaw il-posizzjoni taghhom u jeffettwaw it-tibdil necessarju sabiex il-familja kollha imma primarjament l-ulied ikunu rikonoxxuti bl-istess kunjom u cioe 'Piriz', u ghalhekk jigi kkancellat il-kunjom 'Mansilla' mill-att tat-twelid tal-minuri Victoria, sabiex b'hekk l-atti ufficjali kollha tat-tfal jirriflettu l-kunjom li bih huma maghrufa.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti reverentament jitolbu bir-rispett lil din L-Onorabbli Qorti joghgobha illi:

1. Jigi dikjarat illi r-rikorrenti minuri Victoria ghanda tissejjah bil-kunjom *'Piriz'*;

2. Tordna illi ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir tibdil fl-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri Victoria (bin-numru progressivi 7863 tas-sena 2018), fis-sens illi dan jigi registrat bil-kunjom *'Piriz'* minflok *'Piriz Mansilla'*;

3. Tordna illi ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta it-tibdil effettwat fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti bl-isem Victoria (bin-numru progressivi 7863 tas-sena 2018) tigu riflessa fl-atti mmsemija u fid-dokumenti ufficjali relativi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa` ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonjiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-minuri Victoria Piriz Mansilla twieldet gewwa Malta nhar il-25 ta' Novembru 2018 lil Sergio Fabian Piriz Mansilla u Stefania Muneretto, u dan kif jixhed proprju l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 7863 tas-sena 2018, li huwa anness mir-rikors promotur u mmarkat bhala 'Dok. SPM 007';

4. Illi Artikolu 4 sub-inciz 3 tal-Kodici Civili jistipula: "Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha";

5. Illi fid-dawl tal-premess, id-Direttur konvenut jirrileva illi gialadarba l-minuri Victoria Piriz Mansilla twieldet gewwa Malta, Artikolu 4 sub-inciz 3 tal-Kodici Civili kellu *ipso jure* japplika. Dan ifisser illi l-minuri mat-twelid taghha kellha bilfors tassumi kunjom missierha u cioe' '*Piriz Mansilla*';

6. Illi d-Direttur konvenut jirrileva illi f'dan l-istadju huwa irrelevanti li jingieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-uzanza fl-Urugwaj u cioe' li l-ulied mat-twelid jassumu ukoll kunjom ommhom flimkien ma' dak ta' missierhom, izda li tali kunjom ma jintiritx mal-generazzjonijiet segwenti. Dan jinghad ghaliex, il-ligi tal-Urugwaj u wisq anqas l-

uzanza li tithaddan mill-istess pajjiz ma ghandhomx japplikaw fil-konfront ta' dawk l-ulied li jigu mwielda Malta;

7. Illi fl-umli fehma tad-Direttur, sakemm ma tingiebx prova sufficjenti li kunjom il-missier huwa dak ta' '*Piriz*' minflok '*Piriz Mansilla*', il-minuri Victoria Piriz Mansilla ma tistghax tkun legalment maghrufa ghall-Awtoritajiet Maltin bhala '*Victoria Piriz*' u dan skont it-talba kif dedotta mir-rikorrenti;

8. Illi tenut kont tal-premess, fic-cirkostanza odjerna, id-Direttur huwa tal-fehma illi t-talbet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 12 ta' Novembru 2019 fejn ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija talba sabiex il-kunjom moghti f'Malta lil bint iz-zghira tar-rikorrenti cioe' Victoria jigi specifikat li huwa "Piriz" minghajr iz-zieda tal-kunjom "Mansilla". It-talba tar-rikorrenti hija bbazata fuq il-pretensjoni li ghalkemm skont il-ligi fl-Urugway l-ulied li jitwieldu jiehdu kunjom il-missier u warajh tal-omm b'mod awtomatiku, kunjom l-omm (u cioe' tan-nanna) ma jghaddix ghand ulied l-ulied cioe' n-neputijiet. Skont ir-rikorrenti ulied l-ulied mat-twelid jiehdu biss kunjom in-nannu patern u li jkun l-ewwel kunjom ta' missierhom u cioe' f'dan il-kaz "Piriz" biss.

Illi l-Qorti rat li d-Direttur intimat oppona ghal din it-talba gharraguni li skont l-istess Direttur la darba kunjom il-missier mat-twelid tal-minuri jidher li huwa "Piriz Mansilla" per conseguenza l-ligi Maltija tesigi li l-minuri awtomatikament tiehu l-kunjom kif indikat tal-missier.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti minn fejn jirrizultalha li ghalkemm ir-rikorrenti missier jidher li appuntu kunjomu huwa 'Piriz Mansilla', bintu l-kbira Sofia meta giet registrata mat-twelid gewwa l-Irlanda fil-fatt inghatat il-kunjom biss l-ewwel kunjom ta' missierha u li jigi l-kunjom tan-nannu patern u cioe' dak ta' 'Piriz' (ara fol. 10 tal-process). Fil-fatt jirrizulta wkoll li anki l-passaport tal-bint Sofia jgib biss il-kunjom 'Piriz'.

Illi jirrizulta wkoll lill-Qorti li ghalkemm in-nannu patern fic-certifikat tat-twelid tieghu jidher li ha l-kunjom 'Piriz Portela' (ara fol. 19) fil-fatt it-tieni kunjom cioe' dak ta' 'Portela' ma ghaddhiex ghand ir-rikorrent ibnu li ha biss il-kunjom 'Piriz' flimkien ma' dak ta' ommu 'Mansilla'. Dan jevidenzja lil din il-Qorti li dak li jallegaw ir-rikorrenti li l-kunjom tal-omm skont il-ligi tal-Uruguay ma jittihidx mit-tfal tat-tfal mat-twelid taghhom huwa minnu.

Rat ukoll ix-xhieda tar-rikorrenti omm Stefania Muneretto (fol. 36) li din spjegat kif it-tieni kunjom li ghandu r-rikorrent zewgha huwa ta' ommu u cioe' tan-nanna materna tal-minuri koncernata u li dan jizdied b'uzanza skont il-ligi tal-Uruguay izda dan ma jintiritx mill-ulied. Spjegat ukoll ir-ragunijiet principali ghat-talba odjerna li huma sabiex iz-zewg uliedhom ikollhom l-istess kunjom u cioe' dak ta' "Piriz" wahdu u mhux ikollhom kunjomijiet diversi, kif ukoll il-biza' taghha li gewwa l-Uruguay il-minuri Victoria tinftiehem li hija oht missierha r-rikorrent u mhux bintu.

Illi l-Qorti wara li qieset il-provi kollha fl-atti tqis li l-kaz odjern jammonta ghal kaz ta' zball genwin fejn il-minuri Victoria kellha tigi registrata bil-kunjom biss ta' "Piriz" izda minhabba d-divergenzi fil-ligijiet bejn il-pajjizi koncernati hija giet registrata bil-kunjom "Piriz Mansilla".

Illi l-Qorti tqis ukoll li fic-cirkostanzi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li ghadha wkoll ta' eta` zghira li tigi ordnata din il-korrezzjoni f'dan l-istadju u mhux aktar tard fil-hajja taghha. Dan ukoll fl-ahjar salvagwardja tal-interess pubbliku.

Il-Qorti tqis izda li d-Direttur intimat ma jahti xejn ghal dan l-izball genwin u ghalhekk m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti minuri Victoria ghandha tissejjah bil-kunjom '*Piriz*' wahdu;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta isir tibdil fl-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri Victoria (bin-numru progressivi 7863 tas-sena 2018), fis-sens illi hija tigi registrata bil-kunjom '*Piriz*' biss minflok '*Piriz Mansilla*';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta it-tibdil effettwat fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti bl-isem Victoria (bin-numru progressivi 7863 tas-sena 2018) tigi riflessa f'atti ohra ta' stat civili tal-minuri Victoria li jaqghu fil-kompetenza tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**